***What's Left ?***
**Seminar nazzjonali organizzat mill-GWU Youths**
**Diskors tal-Kap ta' l-Oppozizzjoni u Mexxej Laburista Dr Joseph Muscat**
**Is-Sibt 11 ta' April 2009**

Il-Partit Laburista huwa l-bazi tal-Moviment tal-Progressivi u Moderati, id-dar naturali ta' dawk li jemmnu fil-Progress Socjali.

Sa minn meta inhtart Mexxej tal-Partit Laburista, shaqt li d-dmir taghna huwa li nkunu cari ma' kulhadd fuq dak li nemmnu. Jekk it-twemmin taghna jkun sod, ikollna twegiba ghal kull mistoqsija, ikollna l-konvinzjoni u jkollna l-konsistenza.

Ahna nemmnu li t-tfal kollha huma indaqs. Ma nharsux lejn jekk ommhom u missierhom humiex mizzewwgin, separati jew pogguti jew lejn x'inhu kunjomhom u fejn joqghodu.

Ahna nemmnu li kull bniedem ghandu d-dinjita' tieghu. Ma niggudikawx lil persuni skont kemm ghandhom flus il-bank, minn fejn gejjin, skont ir-razza jew l-orjentazzjoni sesswali taghhom. Ahna nemmnu fid-dritt tal-privatezza tac-cittadini. Ghalhekk ma jistax ikun li tmur ghand l-istat u d-dettalji tieghek jispiccaw ghand partit politiku.

Ahna nemmnu li kull skola tal-istat ghandha tkun tajba daqs kull skola bi hlas. Dan ma naghmluhx billi inzommu lura lill-iskejjel l-ohra izda billi ninvestu fl-iskejjel tal-Istat. Mhux biss fil-knatan izda fl-ghalliema u fl-istudenti. Ahna nemmnu li s-sahha ma tinxtrax bil-flus. Kull persuna ghandha dritt ghall-aqwa kura, fil-hin. Mhux jekk thallas tghix, u jekk m'ghandekx tibqa tistenna u tmut.

Ahna nemmnu li x-xjenza qeghda hemm biex tghin lill-bniedem. Koppja li ghandha problema biex ikollha t-tfal ghandha tinghata access ghall-izviluppi tax-xjenza u t-teknologija, fir-rispett tal-etika u tal-persuna, biex ikollha t-tfal.

Ahna nemmnu f'socjeta' bi drittijiet civili ghal kull persuna. Ma nistghux naghlqu ghajnejna ghal problemi u realtajiet socjali tal-lum ghaliex nibzghu li nurtaw lil xi hadd. Ahna nemmnu f'gustizzja ghamja u mhux gustizzja muta u truxa. Il-Qrati ghandhom jistmaw lill-izghar fostna daqs l-aktar wiehed sinjur u b' sahhtu.

Ahna nemmnu fil-liberta’ tal-espressjoni. Min ma jaqbilx maghna jinghata kull dritt li jsemma lehnu. Ahna nemmnu li l-ambjent huwa taghna lkoll u mhux ta’ min ghandu s-sahha biex johorgu l-permessi.

Ahna nemmnu f’ekonomija li minnha jgawdi kulhadd u mhux li tiffavorixxi biss lil min ghandu l-kuntatti. Ahna nemmnu li l-intrapriza privata, specjalment is-self employed iz-zghir, huwa s-sahha tal-ekonomija taghna. Nemmnu li haddiem bi drittijiet u bi hlas xieraq huwa haddiem aktar produttiv u li l-haddiem m’ghandux jahdem aktar biex jaqla anqas.

Ahna nemmnu li l-pensjoni mhux piz izda dover tas-socjeta’. Nemmnu li l-bniedem huwa aktar importanti mill-flus. L-Istat irid ikun hemm biex jghin, jirregola u jsewwi fejn hemm bzonn. Nemmnu wkoll li l-konsumatur ghandu jkun protett. Spicca z-zmien fejn il-konsumatur jitkarrab biex jinghata d-drittijiet tieghu u anki l-istat ghandu jerfa r-responsabilta’.

Nemmnu fiz-zghazagh. Ahna s-sahha dejjiema ta’ gensna. Kif iz-zghazagh tal-bierah bnew pajjizna, iz-zghazagh tal-lum se jwasslu lil Malta taghna ghall-akbar successi fl-istorja taghha.

Nemmnu f’Malta, pajjiz kbir fit-talent, hila u bzulija. Pajjiz kreattiv li jaf jilqa ghall-isfidi u jkun l-ahjar. Malta li ma tibzax mill-futur izda thares lejh b’ fiducja u b’ kunfidenza. Pajjiz li jrid jikseb success u jrid jara li dan is-success igawdi minnu kulhadd u mhux il-ftit. Nemmnu fil-poplu Malti u Ghawdxi, poplu li f’mumenti difficli mhux se jhalli min jaqtalu qalbu, izda jaghmel aktar kuragg, jinghaqad aktar, u jghaggel ‘il quddiem. Pajjizna kapaci jaghmel dan kollu.

Dan huwa dak li nemmnu. Dan huwa dak li se nahdmu ghalih biex nirnexxu u naghtu lil pajjizna direzzjoni success. Din hija l-Vizjoni tal-Moviment tal-Progressivi u Moderati. Din hija l-Vizjoni ghal futur ta’ pajjizna : ta’ Malta l-Aqwa fl-Ewropa.